# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tal-15 ta' Mejju 2023**

**Talba nru. 96/2021**

**OBERON CONSULTING LIMITED (C 82920) U**
**CHRISTIAN ZARB ADAMI (KI 130179M)**

*VERSUS*

**EDWARD ZAHRA (KI 130179M)**
**EZERCITANTI FIL-KUMMERC BHALA RABAT MARBLES**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentata fl-24 ta' Marzu 2021 (a fol 1 et seq), l-atturi talbu sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u sittin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (Eur 4667.42) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar wara li l-kontendenti kienu dahlu f'negozju fejn l-intimat kien obbliga ruhu li jwettaq xi xogholijiet. L-atturi hallsu Eur 15,478.19 permezz ta' cekk mahrug mill-Bank of Valletta datata 21 ta' Jannar 2019. Wara dan minhabba li l-intimat qal li tali cekk ma setax jissarraf, l-atturi kienu ghamlu trasferiment bankarju dirett fl-istess ammont. Sussegwentament l-intimat rega ittenta jsarraf ic-cekk u dan issarraf u allura l-atturi hekk gew hallsu doppju. Apparti dan kien ghad hemm xi xoghol iehor li ghadu ma thallasx li kien jammonta ghal Eur 10,810.76 u b'hekk hemm lok ghal rifuzjoni fl-ammont ta' Eur 4,667.42. Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali 1289/19 u imghax legali.

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat fit-8 ta’ Gunju 2021 (Fol.9) u li pprezenta risposta fit-18 ta’ Gunju 2021 fejn eccepixxa illi l-ammont li qed jigi mitlub bhala rifuzjoni huwa eccessiv billi l-ammont li ghandu jigi ritornat kif ga gie offert diversi drabi huwa ta’ Eur 1508.21. Illi l-ammont ta’ Eur 3159.21 huwa kontestat.

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema l-kontro-ezamijiet ta’ Araidne Massa u Dex Zahra.

Sema t-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-21 ta’ Marzu 2023.

Ra l-atti processwali;

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Provi</u>

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli li ssir sintezi tax-xhieda prodotta.

Xehdet Ariadne Massa, siehba ta’ l-attur li jghixu flimkien fl-appartament fejn kienu qed isiru x-xogholijiet. FL-2017 kienu inkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmlu l-flooring kollu ta’ l-appartament u kmamar tal-banju u gallerija. Ix-xhud tghid illi, “*minhabba li l-appartament ghandu veduta tal-Belt Valletta xtaqna nottimizzaw dawk il-veduti billi noholqu effett bejn gewwa u barra li jkun kemm jista jkun seamless. Ghalhekk ghazilna irham ‘volakas’ ghal gewwa li gibna stima ghalih bil-prezz ta’ Eur 125 kull metru kwadru u bicciet kbar ta’ materjal identiku artificjali maghrug bhala “statuario luminam” ghal prezz ta’ Eur 130 metru kwadru.”*

Minhabba l-effetti li riedu joholqu, x-xhud tghid illi ftehmu ma’ Dex Zahra sabiex qabel jipprocedi bil-qtugh tal-materjal li kienu ordnaw, kellu jcempel lill-atturi jew lil perit taghhom sabiex ikunu certi li kuntenti bil-qies. Minkejja dan, Dex Zahra kien naqas milli jinforma lill-atturi qabel inqata l-materjal u meta beda jitwahhal, l-atturi kienu infurmaw mill-ewwel lil Dex Zahra li ma kienux kuntenti li certu materjal gie maqtugh zghir. Minhabba li l-atturi ma kienux kuntenti kif beda jinqata l-madum huma talbu lil-konvenut sabiex jaqla r-raised flooring. Ix-xhud tghid illi kienet iltaqet ma’ Edward Zahra u dan beda jghajjat maghha.

Ix-xhud tkompli tghid illi, “*Ghalkemm kollox kien jindika li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-flooring ta’ barra kienet rizolta, gejna prezentati b’fattura minn Rabat Marbles u b’hekk l-ispiza tal-materjal tal-gallerija regghet tfaccat*.” Dan minkejja illi l-konvenut kien weighed li dan il-pagament kellu jinqata. Fil-21 ta’ Jannar 2019 l-attur baghtu cekk ta’ Eur 15,478.18 biex ikopru parti mill-kont, eskluz il-gallerija izda dan ma setax jigi msarraf skond il-konvenuti. Ghaldaqstant, “*Kristian iddecieda li jaghmel direct transfer ghall-istess ammont*” izda ma kienx ikkancella c-cekk li kien ga hareg. Fit-12 ta’ Frar 2019, “*ic-cekk li suppost gie imqatta u li BOV kienu rriffjutaw li jsarrfu, gie msarraf b’mod frawdalenti minn Rabat Marbles*”. Ghaldaqstant il-konvenut gie li rcieva l-ammont ta’ Eur 30,956.36.

Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2021, xehed il-Perit Kirsten Micallef li jghid li kien inkarigat mill-alterazzjonijiet ta' l-appartament kif ukoll mill-finishings. Ix-xhud spjega ix-xogholijiet u laqghat li saru mal-konvenut. Jghid illi "*il-ftehim huwa li ovvjha ma jistax jinqa b'dak il-kobor li kien ghax kien ferm kbir ghall-uzu li kien ser jintuza, u kellu jitnaqqas mis-size biex ikun jista jigi installat. Il-problema li ma konniex konsultati iktar imbaghad u kienu marru hemm hekk u sabuh lest.*" Il-perit ikompli jghid illi x-xoghol ma sarx kif suppost. "Il-punt huwa li x-xoghol meta sar ma sarx skond ix-xewqat u skond il-ftehim li kellhom bejnietom".

Xehed iben il-konvenut Dex Zahra permezz ta' affidavit illi ikkonferma illi Edward Zahra jigi missieru jezercia l-kummerc tieghu taht Rabat Marbles li jimpurtaw, jiffabrikaw u jqieghdu l-irham, madum u travertine ghal djar, lukandi u postijiet ohra. Ix-xhud ipprezenta l-quote li kienu hargu lill-atturi. Ghar-rigward tax-xoghiol fil-gallerija Dex Zahra jghid illi, "*Fil-gallerija immarkaa bl-orangjo din hija l-area in contgention, kellu jsir madum irqiq f'qisien kbar*." It-total tax-xogholijiet kienu jammontaw ghal Eur 19,307. Fil-pricess tax-xogholijiet, kien zdied xi xoghol li ma kienx inkluz fil-quote originali fosthom parti mill-open plan u l-screed. Ix-xhud jghid illi is-sitema ta raised flooring li xtaqu l-atturi il-madum ma setax ikun irqiq ghax inkella jinkiser. Izda x-xhud ighid illi "*pero dawn baqghu jinsistu mieghi sabiex insib mod u manjiera sabiex inkun nista nuza l-istess madum, ghaliex dan kien jaqbel hafna ma' l-irham ta' gewwa*." Finalment ix-xhud ighid illi l-madum twahhal b'success. Madankollu, l-atturi kienu lmentaw mal-konvenut meta x-xoghol kien kwazi lest billi infurmaw illi "*Hi Dex, I'm having a conversation with Kris, he's quite upset at the way the laminate has been cut so small and now we it looks like we could have easily settled for cheaper tiles instead. . .Is there a away to remedy the situation to have larger slabs?"*

Ix-xhud ikompli jghid illi dak li riedu l-atturi kien difficli minhabba r-raised flooring u li dan il-hsieb kien gie diskuss anke mal-Perit taghhom – "*Nixtieq nenfasizza li ladarba l-order kienet saret u ghalina kienet finali- u x-xoghol kien kwazi lest, il-bdil fis-sitwazzjoni fl-appartament tas-sinjuri ma ghandniex inbatuh ahna*." (Fol.64).

F'punt 31 ta' l-affidavit tieghu, Dex Zahra jghid illi dinil-kwistjoni qamet minhabba li c-cekk li intbaghat mill-atturi fl-ammont ta' Eur 15,478.18 ma setax jissarraf ghall-ewwel izda fl-istess hin l-atturi kienu baghtu dan l-ammont permezz ta' bank transfer. "*Ghalhekk b'kollox ahna rcevejna Eur 30,956.36 mentri fil-verita ahna kellba nithallsu l-ammont ta' Eur 32,430.*" Illi sussegwentament inghata skont fuq l-ammont relatat max-xoghol tal-gallerija li giet tiswa Eur 6141.43 u li ghaldaqstant ix-xhud jghid li hemm bilanc ta' Eur 1508/21 a favur l-atturi li l-konvenut huwa lest li jhallas.

Fl-24 ta' Mejju 2022 xehdet Ariadne Massa in kontro ezami li qalet illi x-xoghol li ghamel il-konvenut kien tajeb ghajr dak li sar fil-gallerija. Ix-xhud tispecifika illi "*Il-problema hija u dejjem kienet kif ghandu jinqata l-materjal. . . . . Ghidna, eh orrajt, mela morna nitkellmu ma' Dex u qalilna 'jien biexnaghmel raised flooring se jkollna naqtghu'. Ghidnilu ahna ma nixtiequx li jinqata. Qalilna orrajt mela ha nghidilkom x naghmlu ha nara what is the biggest leap I can give you, minghajr ma nikkawza. U ncemplilkom*." Ix-xhud tghid illi huma kienu lesti jbiddlu t-tip ta' materjal kemm-il darba il-materjal kien ser jinqata f'bicciet zghar. – "*Il-problema, it stems from the fact li Dex kellu jew icempel lili jew lill-Perit biex jghidilna jew jinfurmana, isma din se jkollna naqtghu that much, u ahna nghidulu ok irriduh jew ma rriduhx*." Tkompli tghid illi t-telefonata qatt ma saret u meta raw il-qisien li inqatghu l-materjal irrealizzaw li setghu marru xtraw materjal ferm irhas.

Ix-xhud tikkonkludi l-kontro ezami taghha billi tghid illi – "*Il-kwistjoni qeghdin hawnhekk ghax ukoll kien issarraf ic-cekk b'mod frodulenti. U dik, ahna meta kont ghidtlu biex iqatta c-cekk ghax m'ghaddiex. Ma nafx kif, f'daqqa wahda, issarraf gimgha wara. Meta l-BOV kienu qalulna li ma jissarrafx u konna ghamilnielu transfer immedjatament*."

Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2022, xehed Dex Zahra in kontro ezami li jghid illi ohtu tiehu hsieb isarraf il-pagamenti. Ix-xhud jikkonferma li d-dokument esebit a Fol. 41 huwa c-cekk li kien intbaghat mill-atturi lill-konvenuti fl-ammont ta' Eur 15,478.15. Ix-xhud ighid illi dan ic-cekk ma ssarrafx ghaliex kien hemm problema bil-firma. Minkejja dan, ix-xhud ighid illi evetwalment ic-cekk issarraf. Ix-xhud ighid hekk a fol.83, "*Iva mela, hemm, is-sur Zarb Adami kien ghamlilna bank transfer ta' l-istess ammont biex jirriplejsja lil dan ic-cekk. Issa sa dak it-tant ic-cekk ircevejnih lura u rega gie ddepozitat. It-tieni darba c-cekk l-istess bank, fl-istess branch sarrfuh. Issa dan ic-cekk gie depozitat bi zball, it-tieni darba. Pero jien kien ghadu jonqosni nigbor ammont dovut illu huwa ikbar min dak ic-cekk illi ahna sarrafna*." Ix-xhud ighid illi wara li ssarraf ic-cekk jista jkun illi kienu ircevew xi ittra anke telefonata mill-bank.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din il-kawza, minkejja li l-partijiet ghazlu li jidhlu fid-dettal dwar l-appalt miftiehem bejnietom, tittratta fuq flus li thallsu doppjament, b'cekk u permezz ta' bank transfer. L-atturi ghamlu pagament fl-ammont ta' Eur 15,478.18 ghal xoghol li kien sar lill-konvenuti. Dawn ta' l-ahhar ma setghux isarrfu dan ic-cekk mihabba li l-bank infurmahom li l-firma ma kienetx taqbel. Ghaldaqstant l-atturi sabiex jonoraw il-fattura li kellhom ihallsu ghamlu bank transfer fl-istess ammont li kien ic-cekk li ma ssarrafx.

Wara ftit jiem il-konvenut jew delegat tieghu, rega ittanta jsarraf l-istess cekk, u dan wara li kien ga ircieva l-flus permezz ta' bank transfer, u din id-darba l-bank accetta dan il-hlas. Fil-fatt mix-xhieda prodotta ma hemmx kontestazzjoni li sar hlas doppju ta' l-istess ammont fi ftit jiem – wiehed permezz ta' bank transfer u iehor b'cekk. Ghaldaqstant il-konvenut ircieva b'kollox l-ammont ta' Eur 30,956.30.

Illi huwa minnu illi f'korrispondenza li intbghatet fis-17 ta' Jannar 2019 minn Graziella Cortis ghan-nom tal-konvenut lill-atturi hija tghid hekk:- "*Please find attached invoice for Eur 15,478.18 as requested. The remaining balance excluding the balcony floor is Eur 10,810.76*."(Fol.23). Sussegwentament ghal din l-email kien sar il-hlas ta' l-ammont ta' Eur 15,478.18 fil-21 ta' Jannar 2019 (Fol.42) u transazzjoni ohra fl-istess ammont datata 7 ta' Frar 2019 (Fol.43).

Illi jekk wiehed jiehu dan ix-xenarju, jigi konkluz illi l-atturi hallsu t-total ta' Eur 30,956.36 meta kumparat ma' l-ammont ta' Eur 26,288.94 li kellu jithallas skond il-korrispondenza datata 17 ta' Jannar 2019. Dan ifisser illi l-atturi gew hallsu Eur 4667.42 iktar, liema ammont qed jigi mitlub permezz ta' din il-kawza. Minn dan l-ammont huwa pacifiku wkoll bejn il-partijiet illi Eur 1508.20 mhux kontestati stante illi l-konvenut jaqbel li dan ghandu jigi rifuz lura. Mela l-kwistjoni tibqa biss fuq l-ammont ta' Eur 3159.22.

Illi l-konvenut min-naha tieghu qed jikkontendi, u dan huwa car anke mill-email mibghuta minn Graziella Cortis, illi minbarra dawn l-ammonti, hemm ix-xogholijiet li saru fil-gallerija liema xogholijiet

hemm kontestazzjonijiet dwar kif kellu u sar ix-xoghol. Izda dan it-Tribunal ma gie ipprezentat l-ebda fattura li turi x-xogholijiet li saru fil-gallerija u l-ammonti relatati specifikament ghal dan ix-xoghol mizjud.

Illi d-dokumenti a Fol.29 li jirrizulta fi credit note a favur l-atturi fl-ammont ta' Eur 4308.54 u datat 17 ta' Jannar 2019 huwa wkoll sinifikanti ghal dan it-Tribunal biex iwasslu ghal konviciment illi l-atturi verament ghandom jiehdu rifuzjoni ta' flus.

Illi t-Tribunal huwa car f'dan il-hsieb illi din il-kawza ma tittrattax jekk ix-xoghol partikolarment tal-gallerija sarx skond is-sengha u l-arti jew le ghaliex din ma kienetx il-mertu tal-kawza. Anzi jidher illi l-atturi kienu kuntenti bix-xogholijiet kollha eskluz tal-gallerija. Rigward l-ispejjez jew l-ammonti relatati max-xoghol kollu li sar fil-gallerija ma hemm xejn li jindika car l-ammonti marbuta ma' dawn ix-xogholijiet.

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tieghu, dan it-Tribunal ra li l-mertu ta' din il-kawza jittratta dak li gara bejn is-17 ta' Jannar 2019 u Frar 2019 fejn inhareg kont u bil-hlas doppju li sar, l-atturi gew ghandhom jiehdu l-ammont ta' Eur 4667.42.

Illi l-artikolu 1021 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi: "*Kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċiviha bla jedd.*"

Illi l-azzjoni indebiti solutio hija maħsuba biex kull min jirċievi sew xjentement jew bi żball haġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas naturali għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċevieha bla jedd. Ġie kemm-il darba ritenut li hemm tlett elementi li jridu jiġu ppruvati biex tirnexxi azzjoni ta' ħlas indebitu u dawn ġew imfissra fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) tat-8 ta' Mejju 2001, fil-kawża flismijiet Paul Camilleri vs. Silvio Mifsud et (App Ċiv Nru 645/1981), fejn jinsab irritenut illi L-attur kellu jekk ried jittanta l-azzjoni tal-indebitu b'success l-obbligu li jipprova t-tlett elementi tal-azzjoni. Dawn huma:- (a) Illi huwa hallas l-ammont minnu reklamat. (b) Li dak li hallas ma kienx minnu dovut lil min hallsu (c) Li kien hekk hallas minhabba zball. Jispetta lil min jipproponi l-azzjoni li jipprova l-ħlas, l-ineżistenza tal-causa solvendi u l-iżball.

Jitnissel minn dan illi "l-fondament ta' l-azzjoni ta' indebitu huwa l-izball f'min ikun hallas, liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas, skont il-massima ta' gustizzja naturali 'jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem" ("Alfred Tonna et -vs- Carmela Bugeja et", Appell Civili, 8 ta' Frar 1957 u "Frank Schembri -vs- George Scicluna", Appell Civili, 24 ta' Ottubru 1975)."

Illi l-konvenut, anke jekk bi zball genwin (ma giex ppruvat mod iehor) ha hlas doppju u b'hekk ecceda dak li kien qed jitlob hu stess sa dak iz-zmien u ghax-xogholijiet maghmula. Illi mill-email ta' l-istess Graziella Cortis, huwa evidenti li saru pagamenti bi hlas zejjed. Rigward xogholijiet mizjuda u cioe tal-gallerija, l-konvenut kellu jispjega dan b'mod car anke permezz ta' itemized bill li juri x-xogholjiiet li saru zejda u jibghat kont lill-atturi u mhux minn 'zball' jiehu l-opportunita li jarrikixxi ruhu a bazi ta' xogholijiet ohra.

**Decide**

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erbat elef sitt mija sebgha u sittin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (Eur 4667.42) lill-atturi, bl-imghax legali ta' 8% mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 1023(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur